MONS SION IN JERUSAL

Tifkira

Ta' għeluq

L-elf u disa' mitt sena

Mill-miġja

Ta' San Pawl

F'Malta.



Is-Sitt Sena OTTUBRU - DICEMBRU, 1960. Għadd 4.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

## LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOHROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA






Is-Sitt Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1960. Għadd 4.


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Ma Nagħmlux Bħal Dawk il-Boloh (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 97

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Kif it-Torok Telqu Minn Ġerusalem (Ben-Jamin) ... ... ... ... ... ... 98
Is-Saltna tas-Smewwiet (P. Gwido Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... ... 104
Il-Ġenna ta' l-Art (Hanna Nimri) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 106
L-Egħżeż Imkejjen tat-Terra Santa (Dun Xand Cortis, D.D.) ... ... ... 107
"Tewba" u "Penitenza" ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 108
Abbana! (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 109

IT-TIENI TAQSIMA — ĊENTENARJU

Il-Ħedma ta' San Pawl f'Malta (P.P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 110
San Pawl: L-Akbar Xiehed ta' Kristu (Lu) ... ... ... ... ... ... 111
Il-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat ... ... ... ... ... ... ... ... 113
L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 120
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 127



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# MA NAGHMLUX BHAL DAWK IL-BOLOH

*Jekk inti, li qiegħed taqra, għandek 'il fuq minn ħamsin sena, u jekk int minn xi raħal ta' Malta, aktarx li għadek tiftakar f'dak ir-raġel, imqabbad mill-Ħakma, li kien jiġi jħabbat il-bibien kull nhar ta' Tnejn fil-għodu, u għand min jiftaħlu kien jidħol iħares ħarsa, jiftaqad faqda, jara għandux nadif. Kienu jgħidulu l-Ispettur tas-Sanità.*

*Darba, wieħed raġel minn dawna, daħal f'dar, f'raħal hawn Malta (li ma hemmx għal fejn jissemma ismu), fejn kienu jgħammru żewġt aħwa rġiel. Kienu bdiewa, u kienu hekk foqra li anqas biss kellhom għerq ta' ħmar biex jaħartu. Biex jaħartu l-għalqa tagħhom kien wieħed minnhom jagħfas is-sikka u l-ieħor, bħal ħmar, jiġbed il-moħriet. Kif daħal tas-Sanità għandhom lemaħ fl-art karta tal-flus, ta' lira Torka. (Dak iż-żmien liri Ngliżi tal-karta ma kienx hawn. Kienu liri tad-deheb, ilellxu) "Sieħeb", saqsa tas-Sanità lil wieħed minnhom, "dil-karta kif ġiet hawnhekk?"*

*"Dik sibniha fil-kaxxa tal-barba," wieġbu l-bidwi. "Il-barba kien imsiefer u meta ġie mis-safar qagħad magħna. Issa miet. Konna naħsbu li filkaxxa kellu l-flus , imma meta ftaħniha, ma sibniex għajr mazzi ta' karti bħal dik. Il-karti x'nambuhom? Qegħdin inkebbsu n-nar bihom, biex niffrankaw ilħatab tal-kemmûn."*

*"Boloh li intom!" għajjat tas-Sanità. "Ma tafux li kull karta minn dawn tiswa lira? Tafu li qegħdin taħarqu ġidkom?"*

*Il-ġrajjiet materjali, fid-dinja jixbħu lil ġrajjiet morali. U bħal ma għamlu dawk iż-żewġt aħwa li ħarqu ġidhom, tad-dinja, għax ma għarfux x'kien, hekk hawn ħafna, li qegħdin jaħarqu ġidhom tar-ruħ, għax ma jafux x'inhu.*

*San Pawl ġie Malta u ġibilna miegħu t-Tagħlim ta' Ġesù. It-Tagħlim ta' Ġesù huwa li għandna nibdlu dil-ħajja qasira, ħajja li tintemm, mal-ħajja l-oħra, ħajja li tibqa' għal dejjem. Li nixħtu wara daharna dak kollu li ddinja tgħoddu b'tajjeb: il-ġmiel, il-għana u l-għaxqiet; biex jistħoqqilna li jkollna dan kollu wara l-mewt, fis-Saltna ta' Bla Tmiem. Imma x'inhuma jagħmlu ħafna minna? Jitilqu d-Din Nisrani; u jaħsbu bil-lejl, u jitħabtu bi nhar u jaħlu ħajjithom biex ikollhom dejjem aktar biex ipaxxu lil dan ilġisem: ġisem moqżież, ġisem imħassar, ġisem tal-mewt.*

*Boloh li aħna, jekk nagħmlu hekk, x'inkunu nagħmlu b'idejna! Naħarqu l-ġid li ġibilna Missierna San Pawl! Ngħożżu l-għaxqiet tad-dinja li jgħaddu bħal ħolma u nitilfu l-għaxqiet tas-Sema li jibqgħu għal dejjem! Nibżgħu għal ħatab tal-kemmûn ta' dil-ħajja, u naħarqu l-karti tal-flus tal-oħra!*

*Jewilla qegħdin idaħħlulna f'rasna li t-Tagħlim ta' Ġesù m'hux minnu? Li ma hux tajjeb biex iħarsuħ il-bnedmin? Imma kif nistgħu ngħidu dan jekk ma nifluħx u nagħrfuħ sewwa? Dawk il-bdiewa ħarqu l-karti tal-liri għax ma flewhomx u għarfu x'inhuma. Qiegħed tistudjah tajjeb, inti, it-Tagħlim ta' Ġesù? Qiegħed tifliħ sewwa u tifhmu? Jekk ma trid tisma' minn ħadd, tal-anqas isma' minnek in-nifsek. Ifli tajjeb it-Tagħlim Nisrani, dak li ġieb miegħu San Pawl, u ifhmu sewwa, qabel ma tarmih. Li ma jiġrilekx bħal dawk il- bdiewa, u ma tintebaħx bid-deni li qiegħed tagħmel lilek innifsek, għajr wara li l-ħsara tkun ġrat. Għax iż-żmien ma jarġax lura, u wara l-mewt jasal il-Ħaqq!*

*ID-DIREZZJONI*